# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

**Numru 21**

**Citaz. Nru. 1658/99GV**

**Doc. Nru. 7-01**

**Joe Briffa, Saviour Cassar u Alfred Consiglio**

**vs**

**Onorevoli Michael Bonnici u Joseph Zahra editur tal-gurnal 'In-Nazzjon'**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi huma kienu jikkonponu l-Bord tal-Ghazla tal-Maltacom p.l.c. dwar il-promozzjonijiet wara l-hrug tal-Human Resources /Circular Numru 50/98;

Premess illi, wara li numru ta' kandidati li ma ntghazlux ghal post ta' Technical Executive, ghamlu appell, kif normalment isir skond il-Ftehim Kollettiv tal-impjegati tal-Maltacom, lill-Bord tal-Appelli, dan il-Bord hareg Rapport fil-hmistax (15) ta' Mejju, 1999, li fih mar ultra vires il-funzjonijiet propriji tieghu, u ghamel allegazjonijiet infondati u kummenti azzardati dwar l-operat tal-atturi;

U premess li l-Ministru responsabbli mill-Maltacom p.l.c. ghaggel accetta l-allegazzjonijiet infondati u l-kummenti azzardati tal-Bord tal-Appelli, u pubblikament kabbarhom u sfrutthom, kif ghamlu esponenti tal-Gvern, u gurnali li jappoggjaw lill-Gvern;

U premess li l-atturi kienu kostretti jaghmlu Protest Guidizzjarju fit-tnax (12) ta' Lulju, 1999, li fieh gabu a konjizjoni tal-protestati l-fatt tal-allegazzjonijiet infondati kummenti azzardati tal-Bord tal-Appelli, kif ukoll iddiffidaw lill-protestati milli jkomplu jirrepetuhom, u dan kollu kien irrapportat fil-gurnali, inkluz 'In-Nazzjon';

U premess illi nonostante dan, il-konvenut editur ta' "In-Nazzjon", fil-harga tas-sbatax (17) ta' Lulju, 1999, f'pagna 11, ippubblika artiklu miktub mill-konvenut Onorevoli Michael Bonnici, bis-sub-titolu "L-iskandlu tal-promozzjonijiet fil-Maltacom", li fieh hemm irrepetuti allegazzjonijiet infondati ta' "skandlu", "hnizrijiet", "tal-misthija", u l-allegazzjoni li l-Bord tal-Ghazla kellu "kull isem li kellu promoss ghal din il-kariga kien immarkat bl-ahmar" apparti li l-artiklu kollu huwa ingurjuz fil-konfront tal-atturi, u iwaqqghalhom giehhom f'ghajnejn il-pubbliku u peress li ghalhekk il-kitba tal-artiklu imsemmi, u l-pubblikazzjoni tieghu, jintitolaw lill-atturi ghar-risarciment tad-danni skond il-ligi tal-istampa;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-artiklu intitolat "Gustizzja jew ingustizzja", bis-subtitolu "L-iskandlu tal-promozzjonijiet fil-Maltacom" miktub mill-konvenut Onorevoli Michael Bonnici, u ippubblikat mill-konvenut editur fil-pagna 11 tal-harga ta' "In-Nazzjon", tas-sbatax (17) ta' Lulju, 1999, jimmalafama u jingurja lill-atturi;

2. tillikwida d-danni, kkagunati mill-kitba ingurjuza, skond il-ligi tal-istampa, li ma ikunx aktar minn hamest elef lira, li l-atturi huma intitolati ghalihom; u

3. tikkundanna lil kull wiehed mill-konvenuti ihallsu lil kull wiehed mill-konvenuti ihallsu lil kull wiehed mill-atturi dawk l-ammonti li jigu likwidati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 3;

Rat l-artikolu inkriminat;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 10 fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi l-kontenut tal-artiklu in kwistjoni jammonta ghall-'fair comment' bazat fuq fatti sostanzjalment korretti u dwar materja ta' interess pubbliku.

Semghet lill-attur bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat il-verbal tal-ghoxrin (20) ta' Novembru, 2000.

**VERBAL**

B'verbal tal-ghoxrin (20) ta' Novembru, 2000 il-konvenuti talbu l-isfilz tad-dokument a fol 19 sa 37 billi dan gie maghmul u ppublikat wara l-pubblikazzjoni li dwarha qed isir il-libell.

L-atturi wiegbu li l-konvenuti kitbu l-artikolu meta kienu jafu li kellha ssir inkjesta dwar dak li allegatament gara u l-konvenuti minflok qaghdu jistennew ir-rizultat ta' dina l-inkjesta, qabdu u ghamlu l-allegazzjonijiet kontenuti fl-artikolu u kkummentaw b'mod dispreggattiv fil-konfront tal-atturi ghall-motivi politici partiggjani.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Id-dokument a fol. 19 sa 37 cioe r-"Report on the Findings of the Board of Inquiry on the Selection Process for the Post of Technical Executive", hu necessarju ghall-atturi bhala prova tal-esistenza tieghu u ghall-kompletezza tal-provi li jridu jressqu, fis-sens li juru li d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli ma kienitx wahda finali, izda kienet se ssir inkjesta. Il-kontenut u l-konkluzzjonijiet raggjunti fid-dokumenti imsemmi mhumiex ser jittiehdu in-konsiderazzjoni minn dina l-Qorti fid-determinazzjoni tal-mertu billi r-rizultat tal-inkjesta gie pubblikat wara li deher l-artikolu inkriminat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, u fis-sens fuq indikat tichad it-talba ghall-isfliz tad-dokument imsemmi. Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.
Il-Kawza tibqa' differita ghas-sittax (16) ta' Marzu, 2001.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**